

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-6 ta' April 2009

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir

(2009/479/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-punt (2)(b)(i) tal-Artikolu 62, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1932/2006 <sup>(1)</sup> emenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 <sup>(2)</sup> li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea (lista negattiva) u dawk iċ-ċittadini li huma eżenti minn dik il-ħtieġa (lista pożittiva) billi inter alia, jittrasferixxi lill-Barbados mil-lista negattiva għal dik pożittiva. Addizzjonalment, ir-Regolament 1932/2006 jipprevedi li l-eżenzjoni għandha tiġi applikata mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar l-eżenzjoni mill-viża konkluż bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-5 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir.
- (3) In-negozjati dwar il-ftehim infetħu fis-7 ta' Lulju 2008 u ġew konklużi fis-16 ta' Ottubru 2008.
- (4) Il-Ftehim li ġie inizzjalat fi Brussell fit-12 ta' Novembru 2008 għandu jiġi ffirmat u d-dikjarazzjonijiet mehmuża għandhom jiġu approvati. Il-Ftehim għandu, pendenti t-tlestija tal-proċeduri għal konklużjoni formali tiegħu, jiġi applikat fuq bażi provviżorja.
- (5) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità

Ewropea, u bla ħsara għall-Artikolu 4 tal-imsemmi Protokoll, dawn l-Istati Membri m'humiex jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'humiex marbuta biha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal perjodu qasir (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") huwa b'dan approvat fisem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Id-Dikjarazzjonijiet mehmuża ma' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu approvati fisem il-Komunità.

## Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina il-persuni mogħtija s-setgħa jiffirmaw il-Ftehim fisem il-Komunità, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

## Artikolu 4

Il-Ftehim għandu, pendenti t-tlestija tal-proċeduri għal konklużjoni formali tiegħu, jiġi applikat fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu <sup>(3)</sup>.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-6 ta' April 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

J. POSPÍŠIL

<sup>(1)</sup> ĠU L 405, 30.12.2006, p. 23.<sup>(2)</sup> ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1.<sup>(3)</sup> Id-data tal-iffirmar tal-Ftehim għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.